**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 247**
**It-Tnejn, 17 ta' Ġunju, 2024 fis-2:00 p.m.**

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI - REKLAMI FUQ ONLINE PORTALS - NEFQA**

**17946. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq online portals mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-online portal li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba hekk kif miġbura minn Jannar 2024 sat-13 ta' Mejju 2024.

Seduta 247
17/06/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - REKLAMI FUQ ONLINE PORTALS - NEFQA**

**17947. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq online portals mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-online portal li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 247
17/06/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI - REKLAMI FUQ ONLINE PORTALS - NEFQA**

**17948. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq online portals mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-online portal li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma tħallas l-ebda riklam fuq online portals.

Seduta 247
17/06/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - REKLAMI FUQ STAZZJONIJIET TAR-RADJU - NEFQA**

**17949. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq stazzjonijiet tar-radju mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Uffiċċju, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-istazzjonijiet li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Qed inpoġġi t-tagħrif mitlub fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 247
17/06/2024

**MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, UGWALJANZA, IR-RIFORMA U DJALOGU SOĊJALI – REKLAMI FUQ STAZZJONIJIET TAR-RADJU - NEFQA**

**17950. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq stazzjonijiet tar-radju mill-entitajiet responsabbli mill-Fondi Ewropej, Ugwaljanzi, ir-Riforma u d-Djalogu Soċjali? X'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-istazzjonijiet li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** L-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis (ARUC) kellha kampanja edukativa ta' *harm reduction* li fuqha ntefqu €3,000. Ix-xandir sar fuq Calypso, Net FM u One Radio.

Seduta 247
17/06/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - REKLAMI FUQ STAZZJONIJIET TAR-RADJU - NEFQA**

**17951. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq stazzjonijiet tar-radju mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-istazzjonijiet li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni miġbura u mgħoddija lili.

Seduta 247
17/06/2024

**KORP TAL-PULIZIJA – SPETTURI LI RRIŻENJAW/IRTIRAW - 2022**

**18406. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm spetturi li rriżenjaw u/jew irtiraw mill-Korp tal-Pulizija fl-2022?

15/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi kien hemm disa' (9) spetturi li rriżenjaw jew irtiraw mill-Korp tal-Pulizija fis-sena 2022.

Seduta 247
17/06/2024

**KORP TAL-PULIZIJA – SPETTURI LI RRIŻENJAW/IRTIRAW - 2023**

**18407. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm spetturi li rriżenjaw u/jew irtiraw mill-Korp tal-Pulizija fl-2023?

15/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi kien hemm ħdax (11) -il spettur li rtiraw jew irriżenjaw mill-Korp tal-Pulizija fis-sena 2023.

Seduta 247
17/06/2024

**KORP TAL-PULIZIJA - SURĠENTI LI RRIŻENJAW/IRTIRAW - 2021**

**18408. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm surġenti li rriżenjaw u/jew irtiraw mill-Korp tal-Pulizija fl-2021?

15/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi kien hemm tnejn u erbgħin (42) surġent li rriżenja, irtira jew għal xi raġuni ma baqgħax fill-Korp tal-Pulizija fis-sena 2021.

Seduta 247
17/06/2024

**KORP TAL-PULIZIJA - SURĠENTI LI RRIŻENJAW/IRTIRAW - 2022**

**18409. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm surġenti li rriżenjaw u/jew irtiraw mill-Korp tal-Pulizija fl-2022?

15/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi kien hemm dsatax (19) -il surġent li rriżenja, irtira jew għal xi raġuni ta' saħħa ma baqgħax fil-Korp tal-Pulizija fis-sena 2022.

Seduta 247
17/06/2024

**KORP TAL-PULIZIJA - SURĠENTI LI RRIŻENJAW/IRTIRAW - 2023**

**18410. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm surġenti li rriżenjaw u/jew irtiraw mill-Korp tal-Pulizija fl-2023?

15/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi kien hemm erbgħatax (14) -il surġent li rriżenja, irtira jew għal xi raġuni ta' saħħa ma baqgħax fil-Korp tal-Pulizija fis-sena 2023.

Seduta 247
17/06/2024

**KORP TAL-PULIZIJA - KUNTISTABBLI LI RRIŻENJAW/IRTIRAW - 2021**

**18411. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm kuntistabbli li rriżenjaw u/jew irtiraw mill- Korp tal-Pulizija fl-2021?

15/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi kien hemm mija u erbgħin (140) kuntistabbli li rriżenjaw, irtiraw jew għal xi raġuni ta' saħħa jew oħra ma baqgħux fil-Korp tal-Pulizija fis-sena 2021.

Seduta 247
17/06/2024

**PROTOKOLL NUMRU 12 TAL-KONVENZJONI EWROPEA TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM**

**18994. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13629 u jgħid għala l-Gvern għadu m'għamilx traspożizzjoni tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (li tipprojbixxi kull forma ta' diskriminazzjoni)? Jista' jgħid jekk huwiex konxju li l-Avukat tal-Istat qiegħed f'diversi kawżi jgħid li la l-Gvern Malti għadu m'għamilx tali Protokoll bħala parti mil-Liġi Maltija, ħadd ma jista' jinvokaha u allura qiegħed iċaħħad liċ-ċittadini minn tali protezzjoni?

30/04/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninsab infurmat li l-informazzjoni ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 247
17/06/2024

**MARD RARI**

**18995. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5086 u jgħid kemm hemm persuni jbatu b'mard rari u x'inhu jagħmel il-Gvern biex jikkurahom?

30/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li fir-Reġistru tal-Mard Rari f'Malta ġew reġistrati madwar 6100 persuna li jbatu minn madwar 810 tip ta' mard rari. Mhux dawn il-persuni kollha jkollhom bżonn kura għall-kundizzjoni tagħhom għaliex hemm ukoll diversi kundizzjonijiet rari li ma jikkawżawx problemi ta' saħħa.
Persuni b'mard rari jirċievu kura minn professjonisti differenti, b'mod ħolistiku, skont il-bżonnijiet tagħhom. Fir-rigward ta' mediċini speċifici għal mard rari dawn jiġu pproċessati mill-bord tal-EMTP. Is-sena l-oħra ġew approvati żewġ mediċini ġodda mill-Kumitat tal-ACHCB: Pirfenidone għall- Idiopathic Pulmonary fibrosis u l-5 antagonists għal Severe Refractory Eosinophilic Asthma. Dawn ġew inklużi fil-formolarju tal-Gvern.
Fejn indikat, pazjenti li b'mard rari, jintbagħtu għall-trattamenti u konsulti f'ċentri speċjalizzati barra minn Malta permezz tan-National Highly Specialised Overseas Referrals Programme ikkordinat mit-Treatment Abroad Coordination Unit. Dan il-Unit ukoll jikkordina u jagħmel arranġamenti għal żjajjar ta' konsulenti barranin li jiġu Mater Dei biex jagħmlu kliniċi u operazzjonijiet għall-pazjenti li jbatu minn kundizzjonijiet li jkollhom bżonn kura speċjalizzata (xi ftit minnhom ikunu mard rari).
Fl-2019, fl-isptar Mater Dei sar "National Coordination Hub" għal 24 European Reference Networks fejn jistgħu jiġu riferuti każi ta'pazjenti b'mard rari mhux biss għal viżti imma anke konsulti virtwali ma' 'panel' ta' speċjalisti minn dawn iċ-ċentri Ewropej speċjalizzati f'kategoriji differenti ta' mard rari.

Seduta 247
17/06/2024

**DJAR TAL-ANZJANI – TITJIB INFRASTRUTTURALI U EMBELLISHMENT**

**18996. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10073 u jgħid x'titjib infrastrutturali u x'embellishment hemm ippjanat li jsir fid-djar tal-anzjani tal-Gvern, u f'liema lokalitajiet?

30/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant dwar titjib infrastrutturali fid-Djar tal-Anzjani tal-Gvern kif spjegat hawn:
Fid-Dar tal-Imtarfahuwa ppjanat tibdil tal-madum eżistenti ta' kmamar tar-residenti kif ukoll tal-kmamar tal-banju fejn hemm bżonn. Ser isir tibdil tas-sistema tal-ilma. Ser jinbidel suffett fejn hemm bżonn fil-komun tad-dar. Qed jinbidlu l-light fittings għal dawk iktar moderni u effiċjenti fl-enerġija. Huwa pjanat ukoll li jinbidel l-passenger lift u jiżdied Boiler ma' dak eżistenti.
Fid-Dar tal-Mosta huwa pjanat li fi żmien li ġej issir għamara ġdida, purtieri, imwejjed u siġġijiet kemm fil-kmamar tar-residenti u anki fil-partijiet komuni. Ser jinbidlu suffetti fejn hemm bżonn u bħalissa qed isir tibdil ta' light fittings għal dawk iktar moderni u effiċjenti fl-enerġija.
Id-Dar tal-Furjana ġiet rinnovata mill-ġdid. Ir-rinnovazzjoni kienet tinkludi tisħiħ sħiħ, mill-infrastruttura sal-amenitajiet. L-ambitu tax-xogħlijiet estenda għal tibdil komprensiv madwar il-faċilità fosthom:

- Introduzzjoni ta' sistema moderna ta' arja kkundizzjonata;
- Waterproofing;
- Rinnovazzjoni sħiħa tal-kmamar tal-banju komuni u l-en-suites fil-kmamar tar-residenti;
- Tikħil u żebgħa;
- Għamara tal-kmamar;
- Siġġijiet u mwejjed ġodda;

· Reception u nursing stations b'għamara ġdida;
· Bibien u aperturi ġodda;
· Kċina b'għamara ġdida;
· Purtieri, dividers u covers tas-sodda;
· Suffetti u dawl modern;
· Art tal-vinyl mad-dar kollha;
· Salon tax-xagħar;
· Titjib fl-aċċessibbiltà bħal handrails f'żoni komuni; u
· Fost it-titjib l-aktar notevoli hemm l-introduzzjoni ta' klinika multidixxiplinarja, mgħammra b'tagħmir mediku speċjalizzat. Din il-faċilità tiżgura li r-residenti kollha jirċievu kura ħolistika u personalizzata f'ambjent privat u dinjituż.

F'Zammit Clapp ġew ippublikati tenders sabiex jinbidlu tliet liftijiet. Fi żmien li ġej se jibda proċess sabiex tinbidel is-sistema tal-arja kundizzjonata. Dan l-aħħar żdied calorifier mas-sistema eżistenti.
Fid-Dar taż-Zejtunser jinħareġ tender din is-sena sabiex tinbidel is-sistema tad-drenaġġ. Fil-ġimgħat li ġejjin ser tibda titwaħħal sistema ġdida tal-arja kkundizjonata. Qed isir ukoll tibdil ta' madum u suffett fejn hemm bżonn. Qiegħda tiġi rinnovata l-għamara li ddeterjorat maż-żmien.
Dan ix-xogħol huwa apparti xogħol ieħor li jsir kontinwament matul is-sena bħal tibjid u manteniment tad-djar sabiex jinżammu f'kundizzjoni tajba.

Seduta 247
17/06/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - NEFQA FUQ FJURI GĦAL FUNERALI**

**18997. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12050 u jgħid kemm nefaq flus fi fjuri għal funerali matul is-snin 2022, 2023 u sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista jgħid jekk bagħatx fjuri lil xi ħadd f'okkażjonijiet oħra u kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll minn liema parti tal-baġit ittieħdu dawn il-flus?

30/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 247
17/06/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - KUNTRATTI TA' FIDUĊJA**

**18998. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistqosija parlamentari 12071 u jikkonferma l-entitajiet li jaqgħu taħtu? Jista' jgħid ukoll min huma l-persuni li ngħataw kuntratti ta' fiduċja u/jew li ġew impjegati f'dawn l-entitajiet, xi rwol ingħataw u x'kienet il-kwalifika li ddistingwithom biex intgħażlu għal dan l-irwol, minn wara li laħaq Ministru hu?

30/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 247
17/06/2024

**PAZJENTI LI JUŻAW IL-MEDIĊINA EYELEA**

**18999. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13594 u jgħid kemm hemm pazjenti li bilfors iridu jużaw il-mediċina Eyelea, minħabba li mediċini oħrajn ma jaqblux magħhom?

30/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li fil-mument il-EMTC qed jikkunsidra 2 każi.

Seduta 247
17/06/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI – KUNTRATTI MA' KUMPANIJA**

**19304. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'kuntratti għandu l-Ministeru, u/jew kull entità li taqa' taħtu, mal-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, kemm jiswa kull kuntratt u b'liema mod ingħata (direct order, tender, quotations, eċċ.)?

13/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Ministeru għat-Transport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi u/jew kull entità li taqa' taħtu, m'għandhomx kuntratti mal-kumpanija msemmija.

Seduta 247
17/06/2024

**BOAT PARTIES – LIVELL TAL-MUŻIKA ĠEWWA L-PORT**

**19330. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19085, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kundizzjonijiet li jsiru fil-permess ta' dawn it-tip ta' boat parties, inkluż il-kundizzjonijiet tal-livell tal-mużika?

14/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-organiżżaturi tal-boat parties huma meħtieġa li jinnotifikaw formalment lill-Awtorità tal-Port għall-awtoriżżazzjoni, u meħtieġa jikkonformaw mal-Avviż lill-Baħħara relatat u l-kundizzjonijiet tal-permess inkluż il-livelli tal-mużika. L-Ispettorat tal-Port u l-Martime Enforcement Unit jagħmlu spezzjoni ad hoc biex jiżguraw il-konformità.

Seduta 247
17/06/2024

**SAN ĠILJAN – TRIQ PACEVILLE - XOGĦLIJIET**

**19331. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 19036 u jgħid meta hu ppjanat li jitlesta x-xogħol fi Triq Paceville, San Ġiljan, hekk kif din ilha xhur magħluqa minħabba xogħlijiet li qed isiru?

14/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill- Onor Interpellant li ix-xogħlijiet jikkonsistu fi tliet fazijiet ewlenin. Bħalissa għaddejjin xogħlijiet tul l-ewwel fażi fi Triq Paceville bejn Triq Gort u Triq Wilga, San Giljan.

Ix-xogħlijiet f'kull fażi jinkludu;

- Kostruzzjoni ta 'sistema ġdida tad-drenaġġ bil-gravità
- Kostruzzjoni ta' sistema ġdida ghal gbir ta ilma tax-xita
- Titjib tas-sistema tal-ilma tax-xorb
- Titjib tas-sistema tal-ippumpjar tad-drenaġġ
- Tisħiħ tas-Sistema Elettrika tal-Enemalta
- Titjib tar-rotot tat-Telekomunikazzjoni
- Rikostruzzjoni ta' formazzjoni ta' triq
- Xogħlijiet ta' tisbiħ li jinvolvu l-aġġornament tal-materjali tal-bankina, riabilitazzjoni tal-iskema tal-pajsaġġ bl-introduzzjoni ta' diversi siġar u għamara tat-triq ġdida.

Ix-xogħlijiet tul il-fażi 1 bdew lejn l-aħħar ta' Frar-2024, it-triq mhix magħluqa għal kollox iżda parti minnha u t-traffiku qed jiġi ddevjat kif xieraq, l-aċċess pedonali dejjem jingħata tul it-triq kollha. Ix-xogħlijiet huma skedati li jitlestew fil-bidu tas-sena 2025.

Seduta 247
17/06/2024

**SAN ĠILJAN – TRIQ PACEVILLE - XOGĦLIJIET**

**19332. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 19037 u jgħid fiex jikkonsisti x-xogħol li qed isir fi Triq Paceville, San Ġiljan?

14/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għall-mistoqsija parlamentari 19331.

Seduta 247
17/06/2024

**IL-GUDJA – TRIQ SAN MARK - XOGĦLIJIET**

**19380. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ser jiġu jiswew u meta ser ikunu konklużi x-xogħlijiet li qegħdin isiru fi Triq San Mark il-Gudja?

14/05/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 247
17/06/2024

**IL-GUDJA – TRIQ SAN MARK - XOGĦLIJIET**

**19381. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm ser jiġu jiswew u meta ser ikunu konklużi x-xogħlijiet li qegħdin isiru fi Triq San Mark il-Gudja?

14/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet li għaddejin fi Triq San Mark u Triq Ġlormu Cassar, Gudja huma stmati li ser jiġu jiswew madwar €275,000. Dawn ix-xogħlijiet għandhom ikunu lesti fix-xhur li ġejjin.

Seduta 247
17/06/2024

**IL-GUDJA – TRIQ SAN MARK - XOGĦLIJIET**

**19382. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm ser jiġu jiswew u meta ser ikunu konklużi x-xogħlijiet li qegħdin isiru fi Triq San Mark il-Gudja?

14/05/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru konċernat.

Seduta 247
17/06/2024

**IL-KALKARA - BAJJA TA' RINELLA - XOGĦLIJIET TA' MANUTENZJONI**

**19383. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid humiex ser isiru xogħlijiet ta' manutenzjoni neċessarji, inkluż it-tindif fil-Bajja tar-Rinella l-Kalkara, fix-xahar li ġej qabel jibda l-istaġun tas-sajf?

14/05/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proċessi ta' tindif f'kull bajja huma xogħlijiet ta' rutina li jsiru tul is-sena kollha. It-TZRA, fost interventi oħra, se tkun qed tagħmel xogħol ta' manutenzjoni fil-bajja tar-Rinella.

Seduta 247
17/06/2024

**IL-KALKARA - BAJJA TA' RINELLA - XOGĦLIJIET TA' MANUTENZJONI**

**19384. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid humiex ser isiru xogħlijiet ta' manutenzjoni neċessarji fil-Bajja tar-Rinella l-Kalkara fix-xahar li ġej, qabel jibda l-istaġun tas-sajf?

14/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill- Onor Interpellant biex jispjega aħjar għal x'tip ta xogħol ta' manutenzjoni qiegħed jirreferi għalih.

Seduta 247
17/06/2024

**BIGHI – SMOKING ROOM - RESTAWR**

**19385. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk tul din is-sena l'hekk imsejħa Smoking Room f'Bighi hix ser tiġi restawrata għax esternament jidher li qiegħda taqa'?

14/05/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li ġie iffirmat kuntratt wara sejħa ta' tenders. Ix-xogħol ta' restawr fuq l-Ismoking Room se jkun qed jibda fil-jiem li ġejjien. Infurmat ukoll li ma jeżisti ebda periklu li l-istruttura eżistenti tista' taqa'.

Seduta 247
17/06/2024

**QORTI – RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAL TIBDIL BIEX JIĠU AĠĠUDIKATI KUMPENSI GĦAL DANNI**

**19460. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 18745 u 19189 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-rapport jew rakkomandazzjonijiet li kienu saru mill-Kummissjoni li kienet tħabbret li twaqqfet lura f'April 2014, biex tirrakkomanda tibdil fil-mod kif il-Qrati jaġġudikaw kumpens għal danni inkluż danni morali, immexxija mill-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament u l-membri li d-dettalji tagħhom ukoll qed jingħataw separatament?

16/05/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għada qed tinġabar.

Seduta 247
17/06/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI - SERVIZZI MINN PERSUNA**

**19481. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament qattx tqabbdet biex tagħti s-servizzi tagħha direttament jew tramite kumpanija f'xi entità li taqa' taħt id-dekasteru tiegħu? Jekk iva, jista' jgħid x'kienu dawn is-servizzi u kemm tħallset tagħhom?

17/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi li s-sinjura Miroslava Milenovic qatt ma tqabbdet tagħti l-ebda forma ta' servizz kemm direttament kif ukoll tramite l-ebda entità li taqa' taħt id-dekasteru tiegħi.

Seduta 247
17/06/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - ĦADDIEMA SECONDED JEW ON LOAN**

**19491. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid fil-preżent kemm kien hemm u kemm hemm ħaddiema seconded jew on loan mal-Ministeru għal Għawdex? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' xogħol qed jagħmlu mal-Ministeru għal Għawdex u x'kien ix-xogħol tagħhom (il-grad jew job description) u ma' liema Ministeru, entità, awtorità, korporazzjoni, aġenzija jew kumpanija tal-Gvern kienu jaħdmu qabel ġew seconded jew ġew on loan mal-Ministeru għal Għawdex?

17/05/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 247
17/06/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - PROĠETTI KOFINANZJATI MILL-UNJONI EWROPEA**

**19492. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-proġetti kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea taħt il-programm LIFE Integrated Project tal-baġit il-ġdid tal-Unjoni Ewropea 2021-2027 li applika għalihom il-Ministeru għal Għawdex u fejn jinsabu f'Għawdex, liema ġew aċċettati u se jibbenefika minnhom u liema ma ġewx aċċettati sa issa? Jista' jgħid ukoll kemm se jingħata flus il-Ministeru għal Għawdex minn dan il-fond fuq kull proġett u jekk hux se jingħata aktar flus u jekk iva, kemm se jingħata minn dan il-fond u għal liema proġetti?

17/05/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s'issa m'hemmx proġetti ffinanzjani mill-programm LIFE f'dan il-perjodu.

Seduta 247
17/06/2024

**XAGĦRA, GĦAWDEX - GĦAR TA' CALYPSO**

**19493. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proġett tal-Għar ta' Calypso fix-Xagħra Għawdex, liema għar ilu magħluq għall-pubbliku għal diversi snin peress li kienet ċediet parti minnu u fid-dawl tal-fatt li ż-żewġ Ministri ta' qablu ddikjaraw kemm-il darba li x-xogħol kien wasal biex jibda u li dalwaqt jerġa' jinfetaħ? Jista' jgħid ukoll xi progress sar f'dawn l-aħħar seba' xhur u meta hu maħsub li bejn wieħed u ieħor, ikunu jistgħu jinkisbu l-permessi meħtieġa biex eventwalment ikun jista' jibda x-xogħol meħtieġ?

17/05/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-15 ta’ Marzu 2024 inkisbu l-permessi meħtieġa mill-Awtorità tal-Ippjanar.

Seduta 247
17/06/2024

**KUNSILLI LOKALI – ALLOKAZZJONI GĦAS-SENA 2024**

**19494. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13502 u jgħid kemm ser tkun l-allokazzjoni għal kull kunsill lokali għas-sena 2024 u jekk iż-żieda li ser jieħu kull kunsill hux ser tkun biżżejjed biex tkopri ż-żieda tal-għoli tal-ħajja kif ukoll l-għoli fil-prezzijiet tas-servizzi u materjal? Jista' jgħid ukoll matul dawn l-aħħar għaxar snin kemm kienet l-allokazzjoni ta' kull kunsill lokali maqsuma sena b'sena?

17/05/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni miġbura u mgħoddija lili.

Seduta 247
17/06/2024

**KAP. 635 - ATT DWAR AZZJONIJIET RAPPREŻENTATTIVI TAL-KONSUMATURI**

**19495. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: B’referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 11101, 11847 u 12795 u b’referenza għall-artikolu 6(1) tal-Att dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tal-Konsumaturi, Kap. 635, jista’ l-Ministru jispjega kif l-istess artikolu jirrelata mal-irwol tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) meta skont il-Kap. 635 l-awtorità kompetenti, għall-finijiet tal-artikolu 6(1), huwa l-Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur fejn allura l-artikolu 6(1) jittratta biss dwar tagħrif fuq entitajiet kwalifikati li jkunu ġew imwaqqfa bil-għan li jressqu azzjonijiet rappreżentattivi transfruntiera li l-istess Kunsill għandu jagħti lill-Kummissjoni Ewropea?

17/05/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Kif korrettament osservat mill-Onor. Interpellant, huwa l-Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur u entitajiet kwalifikati skont l-istess Att li jistgħu jieħdu passi u/jew irressqu azzjonijiet hekk kontemplati fl-istess Att. L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu la hija l-Awtorità kompetenti u anqas ma hi entità kwalifikata skont l-Att relattiv. Għaldaqstant nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 247
17/06/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - CHAIRPERSONS U MEMBRI TA’ ENTITAJIET PUBBLIĊI**

**19496. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12017 u 13492 u jgħid min huma ċ-Chairpersons u l-membri ta’ kull entità pubblika - irrispettivament mill-mod kif deskritti - li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, u f’kull każ jgħid:
(a) kull persuna kemm ilha fil-ħatra, u
(b) meta tiġi fit-tmiem il-ħatra attwali ta’ kull persuna?

17/05/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Filwaqt li qed inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba, nirreferi l-Onor. Interpellant għat-tweġibiet li ngħataw fil-mistoqsijiet parlamentari 16174, 16175, 16176, 16177, 16179, 16180 u 16181.
Ninforma l-Onor. Interpellant li l-kumplament tal-informazzjoni se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 247
17/06/2024

**PROPRJETÀ TAL-GVERN - AZZJONI TA' INFURZAR**

**19504. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18815, issa li l-proprjetà tal-Gvern fis-sit ta' Żona Speċjali ta' Konservazzjoni fl-inħawi ta' Ħas-Saptan/Ħal Għaxaq ġiet mikrija lill-persuna inkwistjoni wara ħruġ b'tender, jista' l-Ministru jispjega jekk hux se jitteħdu passi dwar l-illegalità u allura tieqaf l-azzjoni tal-infurzar?

20/05/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 247
17/06/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – LISTA TA' XOGĦLIJIET U ĦLAS**

**19530. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti lista ta' xogħol u l-ammonti ta' flus li tħallsu mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru u minn kull entità li taqa' taħt id-dekasteru tiegħu lill-kumpanija/i li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament għal kull sena, mill-2010 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/05/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Qed inpoġġi t-tagħrif mitlub fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 247
17/06/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - LISTA TA' XOGĦLIJIET U ĦLAS**

**19531. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' xogħol u ammonti ta' flus li tħallsu mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħt id-dekasteru tiegħu lill-kumpanija/i li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament għal kull sena, mill-2010 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/05/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni miġbura u mgħoddija lili.

Seduta 247
17/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - LISTA TA' XOGĦLIJIET U ĦLAS**

**19532. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' xogħol u ammonti ta' flus li tħallsu mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħt id-dekasteru tiegħu lill-kumpanija/i li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament għal kull sena, mill-2010 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/05/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 247
17/06/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - LISTA TA' XOGĦLIJIET U ĦLAS**

**19533. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' xogħol u ammonti ta' flus li tħallsu mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħt id-dekasteru tiegħu lill-kumpanija/i li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament għal kull sena, mill-2010 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/05/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 247
17/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - LISTA TA' XOGĦLIJIET U ĦLAS**

**19534. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' xogħol u ammonti ta' flus li tħallsu mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħt id-dekasteru tiegħu lill-kumpanija/i li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament għal kull sena, mill-2010 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/05/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li l-Ministeru li tiegħu jiena responabbli ma ngħataw l-ebda xogħol jew ammonti ta' flus lil-kumpaniji li qed issiru referenza għalihom.

Seduta 247
17/06/2024

**TA' QALI - PETTING FARM - LUNA PARK - BENESSERE TAL-ANNIMALI**

**19551. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn mill-Park Nazzjonali kollu f'Ta' Qali ntgħażel proprju l-ispazju li jmiss immedjat mal-Petting Farm? Jista' jgħid ukoll jekk jikkunsidrax li jressaq il-Luna Park 'il bogħod biex b'hekk ikun qed jagħti kas il-*benessere*tal-istess annimali hekk kif issuġġerietlu wkoll il-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali?

22/05/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19550.

Seduta 247
17/06/2024

**CAT FEEDERS - SKEMA**

**19553. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm se ddum għaddejja l-iskema li se tkun qed tgħin lill-Cat Feeders?

23/05/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tqassim tal-vouchers lill-cat feeders mill-Kunsilli Lokali ser isir bejn Awissu u l-aħħar ta' Ottubru 2024.

Seduta 247
17/06/2024

**CAT FEEDERS - SKEMA**

**19554. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid minn meta se tidħol fis-seħħ l-iskema li se tkun qed tgħin lill-Cat Feeders?

23/05/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Iskema tal-Cat Feeders ġiet imħabbra u ser tidħol fis-seħħ fil-ġranet li ġejjin mal-pubblikazzjoni tar-Regolamenti tal-2024 dwar Persuni li Jagħlfu l-Qtates.

Seduta 247
17/06/2024

**CAT FEEDERS REGULATIONS**

**19555. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid meta se jkunu qed jiġu ppubblikati l-Cat Feeders Regulations?

23/05/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19554.

Seduta 247
17/06/2024

**CAT FEEDERS - SKEMA - FONDI**

**19556. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-fondi għall-iskema li se tkun qed tgħin lill-Cat Feeders hux se jiġu allokati lil kull kunsill lokali bl-istess ammont jew skont l-ammont ta' feeders li se japplikaw?

23/05/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li kull kunsill lokali li applika se jiġi allokat valur ta' €5,000 għall-iskema tal-Cat Feeders.

Seduta 247
17/06/2024

**BIRKIRKARA - TRIQ IN-NAXXAR - XOGĦLIJIET**

**19575. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta nbeda x-xogħol fuq Triq in-Naxxar, Birkirkara u meta ntemm? Kemm kien proġettat li ser jiswew dawn ix-xogħlijiet u kemm effettivament ġew jiswew?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett fi Triq in-Naxxar, Birkirkara huwa parti mill-pjan tal-Gvern li jwettaq investiment bla preċedent ta' €700 miljun f'seba' snin biex tiġi msaħħa l-kwalità u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq. Infrastructure Malta tibqa' twettaq proġett wara ieħor li jkompli jipprepara lil Malta għal-lum u l-futur; proġetti li gvernijiet ta' qabel l-2013 ma kellhomx ir-rieda u l-viżjoni li jwettaqhom u dejjem ħares band'oħra meta affaċjat bi pressjoni.

Seduta 247
17/06/2024

**BIRŻEBBUĠA - TRIQ FELIĊJAN - XOGĦLIJIET**

**19576. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta nbeda x-xogħol fuq Triq Feliċjan, Birżebbuġa u meta ntemm? Kemm kien proġettat li ser jiswew dawn ix-xogħlijiet u kemm effettivament ġew jiswew?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett fi Triq Feliċjan, Birżebbuġa huwa parti mill-pjan tal-Gvern li jwettaq investiment bla preċedent ta' €700 miljun f'seba' snin biex tiġi msaħħa l-kwalità u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq. Infrastructure Malta tibqa' twettaq proġett wara ieħor li jkompli jipprepara lil Malta għal-lum u l-futur; proġetti li gvernijiet ta' qabel l-2013 ma kellhomx ir-rieda u l-viżjoni li jwettaqhom u dejjem ħares band'oħra meta affaċjat bi pressjoni.

Seduta 247
17/06/2024

**BIRŻEBBUĠA - TRIQ IL-PORT ĦIELES - XOGĦLIJIET**

**19577. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta nbeda x-xogħol fuq Triq il-Port Ħieles, Birżebbuġa u meta ntemm? Kemm kien proġettat li ser jiswew dawn ix-xogħlijiet u kemm effettivament ġew jiswew?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett fi Triq il-Port Ħieles, Birżebbuġa huwa parti mill-pjan tal-Gvern li jwettaq investiment bla preċedent ta' €700 miljun f'seba' snin biex tiġi msaħħa l-kwalità u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq. Infrastructure Malta tibqa' twettaq proġett wara ieħor li jkompli jipprepara lil Malta għal-lum u l-futur; proġetti li gvernijiet ta' qabel l-2013 ma kellhomx ir-rieda u l-viżjoni li jwettaqhom u dejjem ħares band'oħra meta affaċjat bi pressjoni.

Seduta 247
17/06/2024

**BORMLA - TRIQ ALESSANDRA - XOGĦLIJIET**

**19578. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta nbeda x-xogħol fuq Triq Alessandra, Bormla u meta ntemm? Kemm kien proġettat li ser jiswew dawn ix-xogħlijiet u kemm effettivament ġew jiswew?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett fi Triq Alessandra, Bormla huwa parti mill-pjan tal-Gvern li jwettaq investiment bla preċedent ta' €700 miljun f'seba' snin biex tiġi msaħħa l-kwalità u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq. Infrastructure Malta tibqa' twettaq proġett wara ieħor li jkompli jipprepara lil Malta għal-lum u l-futur; proġetti li gvernijiet ta' qabel l-2013 ma kellhomx ir-rieda u l-viżjoni li jwettaqhom u dejjem ħares band'oħra meta affaċjat bi pressjoni.

Seduta 247
17/06/2024

**ĦAD-DINGLI - TRIQ IL-KBIRA, TRIQ IL-MADDALENA, TRIQ DUN KARM AZZOPARDI - XOGĦLIJIET**

**19579. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta nbeda x-xogħol fuq p/o Triq il-Kbira / p/o Triq il-Maddalena / p/o Triq Dun Karm Azzopardi, Ħad-Dingli u meta ntemm? Kemm kien proġettat li ser jiswew dawn ix-xogħlijiet u kemm effettivament ġew jiswew?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett fi Triq il-Kbira, Triq Maddalena u Triq Dun Karm Azzopardi, Ħad-Dingli huwa parti mill-pjan tal-Gvern li jwettaq investiment bla preċedent ta' €700 miljun f'seba' snin biex tiġi msaħħa l-kwalità u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq. Infrastructure Malta tibqa' twettaq proġett wara ieħor li jkompli jipprepara lil Malta għal-lum u l-futur; proġetti li gvernijiet ta' qabel l-2013 ma kellhomx ir-rieda u l-viżjoni li jwettaqhom u dejjem ħares band'oħra meta affaċjat bi pressjoni.

Seduta 247
17/06/2024

**ĦAD-DINGLI - TRIQ DUN KARM AZZOPARDI - XOGĦLIJIET**

**19580. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta nbeda x-xogħol fuq parti minn Triq Dun Karm Azzopardi, Ħad-Dingli u meta ntemm? Kemm kien proġettat li ser jiswew dawn ix-xogħlijiet u kemm effettivament ġew jiswew?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett fi Triq Dun Karm Azzopardi, Ħad-Dingli huwa parti mill-pjan tal-Gvern li jwettaq investiment bla preċedent ta' €700 miljun f'seba' snin biex tiġi msaħħa l-kwalità u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq. Infrastructure Malta tibqa' twettaq proġett wara ieħor li jkompli jipprepara lil Malta għal-lum u l-futur; proġetti li gvernijiet ta' qabel l-2013 ma kellhomx ir-rieda u l-viżjoni li jwettaqhom u dejjem ħares band'oħra meta affaċjat bi pressjoni.

Seduta 247
17/06/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**19680. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Settembru 2023?

28/05/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16402.

Seduta 247
17/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**19681. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha matul Settembru 2023?

28/05/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W199.

Seduta 247
17/06/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**19682. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Settembru 2023?

28/05/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari W182.

Seduta 247
17/06/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**19683. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Settembru 2023?

28/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari W94.

Seduta 247
17/06/2024

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**19684. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Settembru 2023?

28/05/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari W202.

Seduta 247
17/06/2024

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**19685. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Settembru 2023?

28/05/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija numru W166.

Seduta 247
17/06/2024

**IL-QRENDI - BERĠA**

**19748. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19225, jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li għalkemm kien ippjanat li ssir berġa fil-binja l-ġdida li qed jagħmel il-Kunsill Lokali tal-Qrendi fi Triq Nikolo Communet, fl-istess tweġiba qed jiġi indikat li din il-Berġa mhux se ssir?

03/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18899.

Seduta 247
17/06/2024

**AUTOBUSES DE LEON**

**19749. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Peress li fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19231 saret referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15889 li ma tweġibx kompletament il-mistoqsija oriġinali, jista' l-Ministru jgħid kemm sewa lill-Gvern Malti biex it-trasport pubbliku jiġi operat minn Autobuses de Leon f'termini ta' konċessjonijiet, sussidji, ħlas għal trasport b'xejn, eċċ., sena b'sena kull sena mill-2015 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

03/06/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għall-mistoqsija parlamentari 15889.

Seduta 247
17/06/2024

**TAL-LINJA CARD**

**19750. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 19230 u jgħid preżentement kemm hawn Tal-Linja Cards irreġistrati fuq ċittadini Maltin u Tal-Linja Cards irreġistrati fuq persuni barranin?

03/06/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi meta persuna tirreġistra sabiex tingħata Tal-Linja Card ma tintalabx informazzjoni rigward in-nazzjonalità tal-applikant. Għaldaqstant, tali nformazzjoni f'kategoriji skont in-nazzjonalità ma tistax tiġi provduta.

Seduta 247
17/06/2024

**SPEED CAMERAS - IKKALIBRAR**

**19751. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19229, jista' l-Ministru jgħid min hu l-Ministru responsabbli biex jgħid kemm hi l-frekwenza tal-ikkalibrar ta' Speed Cameras f'pajjiżna?

03/06/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 247
17/06/2024

**BIRŻEBBUĠA - WIED IL-BUNI - IRMIĠĠI**

**19752. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 19228 u ċjoè: Minħabba manuvrar ta' tugboats f'Wied il-Buni, jista' l-Ministru jikkonferma li Transport Malta mhux ser tħalli min jorbot id-dgħajsa tiegħu mal-mażżri f'Wied il-Buni, fejn preżentement hemm min qiegħed iħallas il-kera tal-mażżra lil Transport Malta stess? Jekk dan hu fl-affermattiv, jista' jgħid jekk min għandu mażżra f'Wied il-Buni u mhux ser ikun jista' jużaha, hux ser jingħata xi mkien ieħor fejn ikun jista' jorbot id-dgħajsa tiegħu b'moħħu mistrieħ?

03/06/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Awtorità ma tippermetti l-ebda sitwazzjoni jew operazzjoni fuq l-ibħra Maltin li ma jkunux siguri. Għaldaqstant, sabiex jiġi evitat xi inċident minħabba l-manuvrar viċin tal-laneċ tal-irmonk, dawk id-dgħajjes marbutin fuq mażżri f'din iż-żona ta' Wied il-Buni u li se jkunu affettwati minn dan l-operat, se jiġu offruti post alternattiv fl-interess tas-sigurtà u s-sikurezza tal-istess dgħajjes u s-sidien tagħhom.

Seduta 247
17/06/2024

**GEOLOGICAL MAPS TAL-GŻEJJER MALTIN**

**19753. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19226, jista' l-Ministru jgħid min hu l-Ministru responsabbli biex jgħid jekk matul dawn l-aħħar għaxar snin sarux xi tibdiliet fil-Geological Maps tal-gżejjer Maltin? Jekk dan it-tibdil sar, għal liema raġuni sar dan it-tibdil, fuq liema parametri u min għamel dan it-tibdil?

03/06/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 247
17/06/2024

**RSSL - IMPJEGATI**

**19807. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema li huma impjegati mal-RSSL li ġew redeployed mal-Gvern jew ma' entità tal-Gvern?

05/06/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 247
17/06/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - DIRECT ORDERS**

**19808. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm ħarġu direct orders mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru u minn kull entità li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu, minn Jannar 2017 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll:
(i) kemm kienet in-nefqa totali f'direct orders kull sena;
(ii) kemm kien hemm direct orders kull sena;
(iii) kemm kien l-ammont ta' kull direct order;
(iv) lil min ingħataw dawn id-direct orders u għal liema xogħol, prodott jew servizz;
(v) min awtorizza dawn id-direct orders?

05/06/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations

Seduta 247
17/06/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - DIRECT ORDERS**

**19809. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħarġu direct orders mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu minn Jannar 2017 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll:
(i) kemm kienet in-nefqa totali f'direct orders kull sena;
(ii) kemm kien hemm direct orders kull sena;
(iii) kemm kien l-ammont ta' kull direct order;
(iv) lil min ingħataw dawn id-direct orders u għal liema xogħol, prodott jew servizz;
(v) min awtorizza dawn id-direct orders?

05/06/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 247
17/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - DIRECT ORDERS**

**19810. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħarġu direct orders mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu minn Jannar 2017 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll:
(i) kemm kienet in-nefqa totali f'direct orders kull sena;
(ii) kemm kien hemm direct orders kull sena;
(iii) kemm kien l-ammont ta' kull direct order;
(iv) lil min ingħataw dawn id-direct orders u għal liema xogħol, prodott jew servizz;
(v) min awtorizza dawn id-direct orders?

05/06/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 247
17/06/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - DIRECT ORDERS**

**19811. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħarġu direct orders mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu minn Jannar 2017 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll:
(i) kemm kienet in-nefqa totali f'direct orders kull sena;
(ii) kemm kien hemm direct orders kull sena;
(iii) kemm kien l-ammont ta' kull direct order;
(iv) lil min ingħataw dawn id-direct orders u għal liema xogħol, prodott jew servizz;
(v) min awtorizza dawn id-direct orders?

05/06/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 247
17/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - DIRECT ORDERS**

**19812. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħarġu direct orders mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu minn Jannar 2017 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll:
(i) kemm kienet in-nefqa totali f'direct orders kull sena;
(ii) kemm kien hemm direct orders kull sena;
(iii) kemm kien l-ammont ta' kull direct order;
(iv) lil min ingħataw dawn id-direct orders u għal liema xogħol, prodott jew servizz;
(v) min awtorizza dawn id-direct orders?

05/06/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 247
17/06/2024

**ĊEKKIJIET**

**19893. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm intbagħtu ċekkijiet madwar Malta kollha bejn l-1 ta' Mejju 2024 u s-6 ta' Ġunju 2024? Jista' jagħti r-raġuni tal-ħruġ ta' dawn iċ-ċekkijiet? Jista' jagħti wkoll it-total taċ-ċekkijiet maħruġa lill-persuni li għandhom ċittadinanza Maltija u persuni li m'għandhomx ċittadinanza Maltija f'dan l-istess perjodu?

11/06/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ħarġu 269,563 ċekk, taħt l-iskema "Nippremjaw il-Bzulija" fil-perijodu indikat, dan bħala parti mill-proċeduri li ddaħħlet fis-seħħ b'mod annwali mill-2018 biex il-ħaddiema f'pajjizna jiġu kkumpensati, b'dawk li jaqilgħu l-inqas jieħdu l-akbar kumpens.
Minn dan l-ammont, kien hemm 185,202 ċekk li kienu indirizzati lil persuni li għandhom ċittadinanza Maltija. Kien hemm ukoll 84,361 ċekk kienu inidirizzati lil persuni li m'għandhomx ċittadinanza Maltija.

Seduta 247
17/06/2024

**FAĊILITÀ SAN VINĊENZ DE PAUL - MEDIĊINA TEGRETOL 200**

**19894. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 19197 u jgħid għaliex il-mediċina Tegretol 200 ġewwa l-Faċilità San Vinċenz de Paul qed titqassam bid-data tal-iskadenza mgħottija? Jista' jgħid ukoll jekk din il-mediċina hijiex waħda skaduta?

11/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li mhux minnu li l-mediċina Tegretol 200 qed titqassam bid-data tal-iskadenza mgħottija.

Seduta 247
17/06/2024

**FAĊILITÀ SAN VINĊENZ DE PAUL - MEDIĊINA**

**19895. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 19198 u jagħti garanzija li kull mediċina li qed tingħata fil-Faċilità San Vinċenz de Paul hija tal-għola kwalità u mhux skaduta?

11/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat, li hemm proċedura apposta biex mediċini li jkunu se jiskadu, jiġu identifikati minn qabel dawn jiskadu.

Seduta 247
17/06/2024

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL - DEMENTIA ACTIVITY CENTRE**

**19896. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 19757 u jgħid kemm hu n-numru ta' anzjani li qed jattendu fid-Dementia Activity Centre fir-Residenza San Vinċenz de Paul?

11/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat, li hemm 34 anzjan li qed jattendu fid-Dementia Activity Centre fir-Residenza San Vinċenz de Paul.

Seduta 247
17/06/2024

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL - DEMENTIA ACTIVITY CENTRE - WAITING LIST**

**19897. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 19758 u jgħid kemm hemm anzjani li qegħdin fil-waiting list biex jattendu d-Dementia Activity Centre fir-Residenza San Vinċenz de Paul?

11/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat, li hemm 13-il anzjani li qegħdin fil-waiting list biex jattendu d-Dementia Activity Centre fir-Residenza San Vinċenz de Paul.

Seduta 247
17/06/2024

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL - DEMENTIA ACTIVITY CENTRE - TNAQQIS FIS-SIGĦAT**

**19898. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 19759 u jgħid jekk il-familjari tal-anzjani li jattendu d-Dementia Activity Centre fir-Residenza San Vinċenz de Paul humiex jintalbu biex il-membru tal-familja tagħhom li jbati mid-dimensja, jitnaqqsulu s-sigħat li fih jattendi dan iċ-Ċentru ? Jista' jgħid għaliex qed issir din it-talba lill-familja u x'qiegħed isir biex dawn is-sigħat ma jitnaqqsux biex il-membri tal-familja jkunu jistgħu jmorru għax-xogħol rashom mistrieħa li l-membru tal-familja li jbati mid-dimensja, ikun qiegħed f'dan iċ-Ċentru?

11/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat, li l-familjari tal-anzjani li jattendu d-Dementia Activity Centre fir-Residenza San Vinċenz de Paul mhumiex jintalbu biex il-membru tal-familja tagħhom li jbati mid-dimensja, jitnaqqsulu s-sigħat li huma intitolati għalihom.

Seduta 247
17/06/2024

**DAR TAL-ANZJANI - TIBDIL TAL-KARTA TAL-IDENTITÀ**

**19899. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-proċess li ssegwi l-Aġenzija Identità għal tibdil tal-karta tal-identità tal-anzjani li jidħlu f'xi dar tal-anzjani u kif jiskatta dan il-mekkaniżmu? Jista' jgħid ukoll jekk it-talba għal tibdil ta' indirizz tridx issir mill-anzjan innifsu, mill-amministraturi tad-djar tal-anzjani jew fuq inizjattiva tal-Aġenzija stess?

11/06/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li t-talba sabiex isir tibdil tal-Karta tal-Identità ta' anzjani li jidħlu fi djar tal-anzjani jew sabiex isir tiġdid tal-istess dokument ta' anzjani li diġà jirrisjedu fi djar tal-anzjani normalment issir mill-amministraturi tal-istess djar tal-anzjani, u mhux inizjattiva minn jedda tal-Aġenzija Identità. Sussegwentement l-aġenzija Identità tiprovdi servizz fuq il-post.

Seduta 247
17/06/2024

**SIXTH FORM - STUDENTI LI WAQFU**

**19903. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 19138 u 19329 u jgħid kemm kien in-numru ta' studenti li waqfu mis-Sixth Form? Jista' jaqsam din l-informazzjoni sena b'sena għal dawn l-aħħar 10 snin u maqsuma għal kull istitut edukattiv postsekondarju individwalment?

11/06/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 247
17/06/2024

**IL-FGURA - TRIQ IL-LIEDNA - XOGĦLIJIET**

**19904. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 19163 u 19459 li oriġinarjament saru lill-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi u lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali rispettivament u jgħid għaliex Triq il-Liedna fil-Fgura, li ftit xhur ilu sar ir-rikostruzzjoni tagħha, qed terġa' tinqala' (jitqatta' gandott)?

11/06/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Tajjeb nippreċiża li l-bini mill-ġdid tat-triq indikata issa ilu li sar mill-2021, jiġifieri aktar minn tliet snin ilu u mhux "ftit xhur ilu". Ix-xogħlijiet li saru minn Infrastructure Malta kienu jinkludu fost oħrajn bdil tas-servizzi kollha għad-distribuzzjoni tal-ilma. Ftit tal-ġimgħat ilu, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ħtiġilha tagħmel xogħlijiet t'emerġenza biex sewwiet ħsara li rriżultat f'parti minn din l-infrastruttura tagħha.

Seduta 247
17/06/2024

**PERMESSI GĦAL TWAQQIGĦ U SKAVAR FIS-SAJF**

**19906. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 19264 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' toroq għal kull lokalità fejn mhux permess isir twaqqigħ u skavar fix-xhur tas-sajf?

11/06/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19265 li għamlet f'seduta 244.

Seduta 247
17/06/2024

**ASSISTENZA GĦAL DIŻABILITÀ SEVERA**

**19907. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 19191 u 19428 u jgħid kemm-il persuna kienet qiegħda tingħata assistenza finanzjarja għal diżabilità severa sal-aħħar tas-sena 2023? Kemm-il persuna qiegħda tingħata assistenza għal diżabilità severa preżentament? Kemm-il persuna ġiet infurmata li mhux ser tibqa' tingħata l-assistenza għal diżabilità severa matul din is-sena? Jista' jgħid ukoll kemm-il persuna applikat għal assistenza għal diżabilità severa matul din is-sena u minn dawn kemm-il persuna ġiet infurmata li hi intitolata għal din l-assistenza u kemm-il persuna ġiet infurmata li mhix intitolata għal din l-assistenza?

11/06/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba hija kif qed tkun preżentata fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 247
17/06/2024

**TRIQ LI TWASSAL MIX-XEMXIJA SA GĦAJN TUFFIEĦA/MANIKATA U L-IMBORDIN U L-MIŻIEB - XOGĦLIJIET**

**19908. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19269, tista' l-Ministru tgħid liema xogħol hu preżentement għaddej fit-triq li twassal mix-Xemxija sa Għajn Tuffieħa/Manikata, kif ukoll fit-triq li twassal sal-Imbordin u l-Miżieb? Tista' tgħid x'ġie deċiż fit-taħdidiet imsemmija fl-istess tweġiba? Tista' tgħid ukoll meta hu mistenni li jitlesta x-xogħol kollu, inkluż il-wiċċ bl-asfalt, jekk ix-xogħljiiet ikomplu matul l-istaġun tas-sajf?

11/06/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-pjan preżenti huwa li x-xogħol ikompli għaddej anke matul l-istaġun tas-sajf. Rigward il-bypass ta' Għajn Tuffieħa bħalissa għaddejjin testijiet finali fuq in-network tas-sistema biex sussegwentament jingħata l-asfalt min-naħa tal-awtorità responsabbli. Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għaddejja bix-xogħlijiet tagħha li jkopru l-proġett kemm tan-New Water kif ukoll tal-ilma tax-xorb fi Triq l-Imbordin. Dawn ippjanati li jitlestew lejn l-aħħar tat-tielet kwart tas-sena. Il-Korporazzjoni ħasbet biex fil-partijiet li jkunu lesti, fiż-żona mill-Miżieb sal-Imbordin, jingħata wiċċ tal-asfalt sabiex jiġi mminimizzat l-inkonvenjent, liema xogħlijiet ippjanti jitlestew fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 247
17/06/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR - TRIQ SAN PAWL U TRIQ IL-MOSTA - RAPPORTI DWAR RIĦA TA' DRENAĠĠ**

**19909. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma irċevietx rapporti dwar riħa ta' drenaġġ fi Triq San Pawl u Triq il-Mosta, f'San Pawl il-Baħar, matul l-aħħar sentejn? Jekk iva, tista' tgħid għal kull każ meta sar, x'azzjoni ttieħdet u xi rriżulta mill-investigazzjonijiet li kienu saru?

11/06/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li fl-aħħar sentejn il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma rċeviet 15-il ilment dwar irwejjaħ fit-toroq indikati.F'seba' każi rriżulta li kienu ġejjin minn kaptelli ta' sufuni privati (mhux min-netwerk tal-KSI) u min għamel l-ilment ġie infurmat dwar dan, waqt li f'sitt każi kienu ġejjin minn tappieri tal-Korporazzjoni fejn dawn ġew issiġillati. Kien hemm każ ta' ilma qiegħed f'Kennedy Grove u l-entità responsabbli ħadet ħsieb li jsir it-tindif meħtieġ, u każ minħabba ħsara li seħħet waqt li kienu qed isiru xogħlijiet minn kuntrattur u din issewwiet minnu stess.

Seduta 247
17/06/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR - TRIQ SAN PAWL U TRIQ IL-MOSTA - RAPPORTI DWAR RIĦA TA' DRENAĠĠ**

**19910. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru tgħid jekk id-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali rċeviex rapporti dwar riħa ta' drenaġġ fi Triq San Pawl u Triq il-Mosta, f'San Pawl il-Baħar, matul l-aħħar sentejn? Jekk iva, jista' jgħid għal kull każ meta sar dan ir-rapport, x'azzjoni ttieħdet u xi rriżulta mill-investigazzjonijiet li kienu saru?

11/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li matul dawn l-aħħar sentejn sal-lum id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali rċieva u investiga 14-il ilment relatati ma' riħa ta' drenaġġ fit-toroq indikati u li qed jiġu indikati fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 247
17/06/2024

**RESIDENTIAL PARKING SCHEME**

**19911. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19262 dwar Resident Priority Parking, jista' l-Ministru jgħid ma' liema kunsilli lokali saret komunikazzjoni mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar din l-iskema? Jista' jgħid ukoll liema kunsilli lokali wrew interess għal sistema ta' Residential Parking Scheme?

11/06/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li kienet bagħtet ċirkulari elettronika (AKL 2023/075) lill-Kunsilli Lokali kollha għal laqgħat marbuta ma' din l-iskema li kellhom isiru f'Settembru 2023. Ninsab infurmat wkoll li 11-il Kunsilli Lokali wrew interess għal din l-iskema li huma:

- L-Isla
- Ir-Rabat Għawdex
- Birkirkara
- Il-Fgura
- Il-Fontana
- Ħal Għaxaq
- Il-Gudja
- Ħal Lija
- L-Imsida
- Il-Munxar
- San Pawl il-Baħar

Seduta 247
17/06/2024

**SAFAR FUQ MARD - PAZJENTI U L-FAMILJARI TAGĦHOM - NEFQA**

**19922. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus globalment fuq pazjenti u l-familjari tagħhom li ġew mibgħuta l-Ingilterra biex jirċievu l-kura matul is-snin 2022 u 2023?

12/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li nefqa fuq pazjenti u l-familjari tagħhom li ġew mibgħuta l-Ingilterra biex jirċievu l-kura hi kif ġejja: matul l-2022 in-nefqa kienet €6,778,603.87; u fl-2023 in-nefqa kienet €6,482,758.62.

Seduta 247
17/06/2024

**SAFAR FUQ MARD - SORIJIET F'LONDRA - ĦLAS GĦALL-OSPITALITÀ**

**19923. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm il-Gvern ħallas lis-sorijiet f'Londra biex jospitaw pazjenti u l-familjari tagħhom fis-snin 2022 u 2023?

12/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-Gvern għamel dawn il-ħlasijiet lis-sorijiet f'Londra biex jospitaw pazjenti u l-familjari tagħhom: fl-2022 il-ħlas kien jammonta għal €317,960.62; u fl-2023 il-ħlas kien jammonta għal €264,412.75.

Seduta 247
17/06/2024

**SAFAR FUQ MARD - PUTTINU CARES - ĦLAS GĦALL-OSPITALITÀ**

**19924. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm il-Gvern ħallas lil Puttinu Cares biex jospitaw pazjenti u l-familjari tagħhom fir-residenzi tagħhom fl-Ingilterra fis-snin 2022 u 2023?

12/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-Gvern għamel dawn il-ħlasijiet lil Puttinu Cares biex jospitaw pazjenti u l-familjari tagħhom fir-residenzi tagħhom fl-Ingilterra: fl-2022 il-ħlas kien jammonta għal €692,372.24; filwaqt li fl-2023 il-ħlas kien jammonta għal €675,477.19.

Seduta 247
17/06/2024

**TANKIJIET TAL-ASBESTOS - RESIDENZI PRIVATI - ĊENSIMENT**

**19938. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 18841 u 19116 li oriġinarjament saru lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar rispettivament u jgħid jekk qattx sar ċensiment dwar kemm għad hawn tankijiet tal-asbestos f'residenzi privati?

12/06/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 247
17/06/2024

**TANKIJIET TAL-ASBESTOS - PREKAWZJONIJIET META JITWAQQGĦU DJAR**

**19939. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 18843 u 19117 li oriġinarjament saru lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar rispettivament u jgħid jekk hux qed jittieħdu prekawzjonijiet meta jitwaqqgħu djar li fihom ikun għad hemm tankijiet tal-asbestos?

12/06/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 247
17/06/2024

**TANKIJIET TAL-ASBESTOS - PERIKLU GĦALL-ĦADDIEMA TAL-KOSTRUZZJONI**

**19940. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 18844 u 19118 li oriġinarjament saru lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar rispettivament u jgħid jekk il-ħaddiema fis-settur tal-kostruzzjoni jiġux mgħarrfa dwar il-periklu li jista' jinħoloq meta jkunu qed jinqalgħu tankijiet tal-asbestos?

12/06/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 247
17/06/2024

**IL-FURJANA - MASĠAR TAL-ĠUBLEW**

**19977. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'qiegħed isir jew x'se jsir biex il-Masġar tal-Ġublew fil-Furjana, li jinsab fi stat mitluq ħafna u l-kundizzjoni ambjentali tiegħu qiegħda tiddeterjora, jingħata l-attenzjoni li tixraqlu mill-entitajiet responsabbli?

13/06/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li fix-xhur li għaddew, b'kollaborazzjoni bejn Project Green, id-Dipartiment tar-Restawr u Preservazzjoni u l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA), ġiet żviluppata proposta ħolistika għal dan il-masġar.

Il-proposta tal-Pinetum għandha l-għan li temfasizza s-sbuħija tal-glacis. Dan sabiex filwaqt li tipprovdi spazju rikreattiv għall-pubbliku li jista' jitgawda mill-familji, jiġi apprezzat il-patrimonju nazzjonali. Din il-proposta tikkumplimenta l-masterplan tal-Ġnien Botaniku Nazzjonali bir-restawr tan-nissen huts eżistenti, li kienu jintużaw mis-Servizzi Ingliżi. Dan sabiex jingħataw użu ġdid ta' greenhouses, aviaries, ġonna botaniċi u faċilitajiet pubbliċi li jinkludu Ċentru għat-Tagħlim tal-Ortikultura. Se jkunu qed jiġu ddisinjati passaġġi nformali sabiex tiġi rispettata it-topografija tal-glacis filwaqt li tifforma heritage trail li teduka lill-viżitaturi fuq il-wirt kulturali u l-istorja ta' pajjiżna.

Project Green se tkun qed tissottometti l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar malli jkollha l-approvazzjoni mill-Bord Governattiv Nazzjonali tal-Botanika.

Seduta 247
17/06/2024

**IL-FURJANA - RIĠENERAZZJONI TAS-SWAR**

**19978. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'qed isir jew huwa ppjanat li jsir biex issir riġenerazzjoni lis-swar tal-Furjana u tisħiħ strutturali ta' partijiet mis-swar li jinsabu fi stat ħażin?

13/06/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Id-Dipartiment tar-Restawr u l-Preservazzjoni dawn l-aħħar snin wettaq xogħol ta' restawr estensiv f'diversi żoni tas-swar tal-Furjana, kemm fuq inizjattiva diretta u kif ukoll f'kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra. Fil-preżent għaddej ukoll restawr fuq medda ta' swar biswit il-Bieb ta' Notre Dame, u qed isiru tħejjijiet ta' pjanti għal xogħol f'żoni oħra. Dan hu xhieda tal-impenn sħiħ tad-Dipartiment lejn ir-riġenerazzjoni tas-swar tal-Furjana.

Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista tal-proġetti imwettqa u oħrajn f'fażi ta' tħejjija.

Seduta 247
17/06/2024

**SUSSIDJU FUQ IL-KONT TAD-DAWL**

**19979. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19394 dwar kif qed tinħadem iċ-ċifra tas-sussidju li qed jingħata fil-kont tad-dawl, tista' l-Ministru tispeċifika kemm jiġu t-tariffi fil-prezz mhux issussidjat?

13/06/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** It-tariffi mhux sussidjati jiddependu u huma bbażati fuq il-prezzijiet tas-suq. Kif spjegajt fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 19394, li ma kienx għall-għajnuna li qed jagħti l-Gvern biex il-kontijiet jibqgħu stabbli, fis-sena 2022 il-prezzijiet kienu jogħlew b'65%, fejn il-prezzijiet laħqu l-massimu.

Seduta 247
17/06/2024